**It-Triq ta' Damasku u l-Liġi dwar id-Droga**

Hadt gost li l-Oppozizzjoni Laburista, wara snin sħaħ ta' sfruttar tal-problema tad-droga għal skopijiet politiċi partiġġjani u intransiganza kontra kull riforma fil-ligi tad-droga biex il-vittmi ma jitqisux qishom traffikanti, sa fl-aħħar qiegħda tipproponi li l-Liġi dwar id-droga tinbidel sabiex min għandu l-problema tad-droga ma jinqabadx fid-definizzjoni wiesa' ta' "traffikant".

U nispjega. Sal-lum kull forma ta' tixrid ta' droga, anki bejn tnejn li għandhom dal-vizzju, kien u għadu konsidrat bħala traffikar. Sal-1999 anki min kien jinqabad idaħħal droga f'Malta f'ammonti żgħar li jindikaw li hi intiża biss għal użu personali, dan kien jitqies bħala traffikant b'piena minima mandatorja ta' 6 xhur ħabs. Meta ressaqt abbozz ta' liġi biex din is-sitwazzjoni legali inġusta li kienet qed taqbad fix-xibka tagħha u tibgħat il-ħabs persuni li għandhom bżonn għajnuna iktar milli piena karċerarja, tgħidx x'm'għamlux u x'ma qalulix:. L-Opposizzjoni akkużatni li kont qed inkun "soft" mat-traffikanti tad-droga, li l-Gvern kien qiegħed jillaxka wisq; li messu ħalla kollox kif inhu. Niftakar li meta konna fl-Opposizzjoni fl-1997 kont ipproponejt emenda f'dan is-sens, u il-Gvern Laburista ivvota kontra. Ipproponejtha meta kont Ministru ta' l-Intern mill-ġdid fl-1998, u l-Opposizzjoni iddikjarat gwerra…… tant li ivvotat KONTRA b''division', u ivvotat kontra anki li l-emenda li kont qed nipproponi tiġi diskussa fi stadju ta' kumitat fil-Kumitat Permanenti għall-konsiderazzjoni ta' l-Abbozzi ta' Liġijiet!!!

Riċentement l-ex President ta' Malta Guido de Marco, kien ħa l-inizjattiva li jiġbor fi grupp l-għaqdiet volontarji u l-Pulizija sabiex flimkien jiddiskutu l-problema tad-droga, u xi tibdil fil-liġi. Waqt dan il-proċess, jiena esprimejt pubblikament il-fehma illi l-priġunerija "bil-fors" f'kull kaz ta' "sharing" ta' droga kienet qed tpoġġi żgħażagħ li jistgħu jirriformaw ruhom, fil-ħabs bla raġuni; u dan kien bla sens.

Kont għidt li xtaqt qabel ma inressaq proposti bħala Gvern illi nħalli dal-grupp jippreżenta il-proposti tiegħu uffiċjalment.

Għalhekk issa li anki l-Opposizzjoni qiegħda titkellem b'lingwaġġ li hu fl-istess direzzjoni li l-Gvern u ħafna mill-għaqdiet volontarji ilhom żmien iħaddnu, naħseb li l-art hi fertili biżżejjed biex innibtu il-bidu ta' bidla fil-liġi.  Anzi issa l-emendi jkollhom saħħa iktar, għaliex jipprezentaw ċertu konsensus li qabel ma kienx hemm.

Dawn l-emendi jridu jharsu lil min hu vittma, izda jridu jipprotegu lis-socjeta minn min hu mdahhal f'dan in-negozju tal-mewt. Meta ghaxar snin ilu l-ligi tad-droga, bi qbil unanimu tal-Parlament, imponiet il-habs f'kaz ta' traffikar u tat definizzjoni wiesa ghal x'jammonta ghal traffikar. Dan gara mhux b'kumbinazzjoni izda ghaliex kien hemm min inghata piena hafifa ghal reat gravi. Ghalhekk kullemenda li naghmlu irridu noqghodu attenti li ma jinholqux toqob minn fejn jistghu jghaddu min haqqu piena u mhux kura.

Il-Gvern dejjem mexa b'ghaqal dwar din il-problema u raha bhala problema u xejn izjed. Il-Ministeru ta' l-Intern f'dawn l-ahhar snin (a) emenda l-ligi sabiex prigunieri li jsegwu programm ta' rijabilitazzjoni jinghataw il-'leave' mill-habs, (b) investa Lm80,000 fis-sena sabiex prigunieri jsegwu programmi siewja mal-Caritas, Sedqa u Satu fl-Imtahleb, (c) emenda il-ligi sabiex min jinqabad l-ajruport b'ammonti ghall-uzu personali ma jmurx il-habs (d) ghamel ligi gdida ghall-probation li tat iktar flessibilita lill-Qorti fl-applikazzjoni ta' ordnijiet ta' probation u kundizzjoni mehmuza maghhom.

Hekk ukoll issa ghandna opportunita tajba biex wara l-esperjenzi tal-passat naghlqu t-toqob jekk hemm minnhom, u nilliberazzaw fejn l-id iebsa qed tolqot il-vittmi u mhux lill-kriminali.